# Ġrajja mill-Forti Ricasoli

Fil-Gwerra li għaddiet il-forti storika Ricasoli qalgħet diversi bombi f'attakki mill-ajruplani ta' l-għadu. Għalhekk fiha tqiegħdu apposta kanuni għad-difiża adattata minkejja li l-Forti kellha skop ewlini għal ħarsien tal-kosta. Ftit qabel bdiet il-gwerra fl-1939/40 għalhekk tneħħew il-kanuni tas-6" u 12-pounders u minflokhom tqiegħdu tlieta *Twin Q.F.* 6-pounders u dawn tqiegħdu apposta f'pożizzjonijiet tajba li l-posti tagħhom nittama għadhom jidhru. Il-Forti iżda ħa sehem ukoll fid-difiża ta' l-attakk li kien sar fuq il-Port il-Kbir fis-26 ta' Lulju 1941.

Ġara li wara d-diżastru li l-Alleati ġarrbu fi Creta, l-għadu ħaseb li jaqbillu jattakka Malta bil-baħar hekk kif kien għadu kemm wasal Malta - Convoy - Malta kienet allura bażi ta' sottomarini li kienu jgħarrqu bastimenti fil-Mediterran. L-alleati rnexxielhom jaqbdu messaġġ li l-għadu kien ħejja pjan jismu "Ultra" li bih kien ser isir attakk fuq il-gżira, għalhek is-suldati kienu ordnati jorqdu fuq il-kanuni u hekk lejl u nhar ma jħallux il-post. Ir-radar allura kien qabad bastiment li minnu kellhom joħorġu torpedoe boats u human torpedoes li ħin bla waqt fil-għodwa dehru lejn il-kosta ta' Malta.

Dan kien servizz ta' importanza li offriet il-fortizza tar-Ricasoli li fiha kienu għadd sbieħ ta' suldati artillieri. Ġara però li wara l-gwerra, il-Forti ingħatat lin-Navy u hekk fil-forti kienet tperper il-White Ensign u n-Navy biddlet xi pużizzjonijiet tal-kanuni. Fis-snin sittinijiet il-Forti kienet żvujtat mis-servizzi Ingliżi biex wara sar it-Tank Cleaning Farm. Dan bla dubju biddel id-dehra tal-ħajja sabiħa ta' Rinella anzi saħansitra s-Sur ta' San Duminku kellu jinħatt parti minnu biex jakkomoda d-dħul ta' trakkijiet u nġenji oħra.

Il-post storiku kellu jkun ta' servizz kummerċjali kif talbu z-żminijiet. Il-Fortizza ġiet użata bħala bonded stores tad-Dwana, servizz li ħalla qrib il-bieb jew tiċrita fis-swar bil-burdnara jitfgħu bosta żibel. Il-qawwiet tal-baħar u ż-żmien ukoll għamel tiegħu u llum din il-forti storika tibki biex il-pajjiż isib użu adegwat minn post storiku bħal dan.

***Lorenzo Zahra***



**It-Tank ta' Ricasoli fejn jinġibdu l-films**